



*Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern*

**2023/0008(COD)**

19.7.2023

## **OPINJONI**

tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

għall-Kumitat għall-Impjieggi u l-Affarijiet Soċjali

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istatistika Ewropea dwar il-popolazzjoni u l-akkomodazzjoni, li jemenda r-Regolament (KE) Nru 862/2007 u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 763/2008 u (UE) Nru 1260/2013  
(COM(2023)0031 – C9-0010/2023 – 2023/0008(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Yana Toom

(\*) Kumitat assoċjat – Artikolu 57 tar-Regoli ta' Proċedura

PA\_Legam

## ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

L-istatistika taqdi rwol importanti fil-proċess tat-tfassil tal-liġijiet Ewropej. L-istatistika spiss tispira liġijiet ġodda billi tiżvela l-problemi jew tgħinna nidentifikaw l-oqsma li jeħtieġu azzjoni regolatorja. L-approċċ tagħna bbażat fuq l-evidenza għal-leġiżlazzjoni mbagħad idur lejn data għall-evalwazzjoni tas-soluzzjonijiet xierqa jew għar-riżżami tal-effettivitā tal-leġiżlazzjoni. Dan ix-xogħol kollu jiddeppendi fuq il-preċiżjoni tan-numri użati. Huwa għalhekk li rrudu niżguraw li l-istatistika li niġbru tkun korretta u kumparabbi madwar l-UE. Għal dan il-għan, ir-Rapporteur tappoġġa l-istabbiliment ta' qafas li jiġbor flimkien id-dispożizzjonijiet rilevanti għat-tħejjija u l-kondiviżjoni tal-istatistika dwar il-popolazzjoni u d-djar.

Ħafna drabi, huma l-biċċiet ta' informazzjoni neqsin li jħallu l-aktar impatt qawwi. Bl-istatistika dwar il-popolazzjoni u l-akkomodazzjoni, nafu li għandna diffikultajiet biex niġbru data dwar dawk li jinsabu f'sitwazzjonijiet vulnerabbli, bħall-minoranzi, il-persuni mingħajr dar jew il-persuni b'diżabbiltà. Filwaqt li qafas ġdid għal statistika Ewropea armonizzata jintlaqa' b'sodisfazzjon, irridu nistinkaw biex intejbu l-kopertura ta' gruppi li diffieli jintlaħqu fil-ġbir tal-istatistika. Il-qafas li stabbilejna issa jeħtieġ li mhux biss jippermetti l-ġbir ta' data għal gruppi vulnerabbli iżda jeħtieġ ukoll li jistabbilixxi livell għoli ta' ambizzjoni għall-ġbir ta' data dwar dawk li tradizzjonalment tħallew barra mill-istatistika.

Il-Kummissjoni tipproponi l-użu ta' sorsi ġodda ta' data bħala reazzjoni għax-xejriet li qed jikbru f'din l-aħħar sena ta' bidla minn popolazzjoni diretta li telenka għal ċensimenti bbażati kompletament fuq ir-reġistri. Hekk kif il-metodi użati għall-ġbir tad-data evolvew maż-żmien, għandna nistennew li fil-futur se joħorġu tekniki ġodda. Ir-Rapporteur tilqa' l-fatt li l-qafas għall-istatistika Ewropea jippermetti approċċi ġodda għat-ħażżejja tal-istatistika u jħeġġeġ l-esperimentazzjoni b'tekniki ġodda. Fl-istess ħin, il-produzzjoni tal-istatistika, speċjalment li tirriżulta minn metodi jew sorsi ġodda, tinvolvi l-użu ta' data personali. Huwa ta' importanza kbira li d-drittijiet tal-individwi jkunu protetti u li l-ġbir tal-istatistika jopera b'risspett shiħi tal-leġiżlazzjoni stabbilita tal-UE dwar il-protezzjoni tad-data.

## EMENDI

Il-Kunitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern jistieden lill-Kunitat għall-Impjieg u l-Affarijiet Soċjali, bħala l-kunitat responsabbi, sabiex jieħu inkunsiderazzjoni l-emendi li ġejjin fir-rapport:

### Emenda 1

#### Proposta għal regolament

#### Premessa 6

*Test propost mill-Kummissjoni*

- (6) Fl-2017, il-Kunitat tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika (ESSC) approva l-Memorandum ta' Budapest li ddikjara l-

*Emenda*

- (6) Fl-2017, il-Kunitat tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika (ESSC) approva l-Memorandum ta' Budapest li ddikjara l-

ħtieġa ta' statistika annwali dwar id-daqs u dwar ġerti karatteristiċi soċjali, ekonomiċi u demografiċi tal-popolazzjoni u għal statistika aħjar dwar il-migrazzjoni. Għall-osservanza tal-prinċipji tal-ugwaljanza u tan-nondiskriminazzjoni taċ-ċittadini tagħha fl-attivitajiet kollha u d-drittijiet taċ-ċittadini individwali kif stabbiliti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea<sup>23</sup> u fl-Artikoli 10 u 19 tat-TFUE, l-Unjoni teħtieġ statistika affidabbli u komparabbli. Ir-Regolament (UE) 2019/1700 jipprovd qafas għall-ġbir tad-data minn kampjuni li jippermettu l-ġbir tad-data dwar l-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni sa fejn dan ikun fattibbli mill-kampjuni u biex jiġu analizzati xi aspetti tal-ugwaljanza u tad-diskriminazzjoni billi jinħolqu indikaturi soċjoekonomiċi u informazzjoni dwar l-esperjenza tad-diskriminazzjoni. Minbarra dan, l-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali (FRA) u l-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE) iwettqu studji speċifiċi u stħarriġiet apposta li jistgħu jkomplu jestendu d-disponibbiltà tal-istatistika dwar l-ugwaljanza fil-livell tal-UE. Il-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni futuri bejn l-Istati Membri, l-Eurostat u dawn l-aġenziji jenħtieġ li jissaħħu biex jissodisfaw id-domandi dejjem akbar tal-utenti għal data affidabbli u komprensiva dwar l-ugwaljanza u d-diversità fl-Unjoni.

ħtieġa ta' statistika annwali dwar id-daqs u dwar ġerti karatteristiċi soċjali, ekonomiċi u demografiċi tal-popolazzjoni u għal statistika aħjar dwar il-migrazzjoni. Għall-osservanza tal-prinċipji tal-ugwaljanza u tan-nondiskriminazzjoni taċ-ċittadini tagħha fl-attivitajiet kollha u d-drittijiet taċ-ċittadini individwali kif stabbiliti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea<sup>23</sup> u fl-Artikoli 10 u 19 tat-TFUE, l-Unjoni teħtieġ statistika affidabbli u komparabbli. ***L-istatistika dwar il-migrazzjoni u l-protezzjoni internazzjonali hija fundamentali sabiex tingħata ħarsa ġenerali lejn il-flussi migratorji fi ħdan l-Unjoni Ewropea u sabiex l-Istati Membri jkunu jistgħu japplikaw il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni b'mod korrett, f'konformità mal-leġiżlazzjoni fis-seħħ.*** Ir-Regolament (UE) 2019/1700 jipprovd qafas għall-ġbir tad-data minn kampjuni li jippermettu l-ġbir tad-data dwar l-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni sa fejn dan ikun fattibbli mill-kampjuni u biex jiġu analizzati xi aspetti tal-ugwaljanza u tad-diskriminazzjoni billi jinħolqu indikaturi soċjoekonomiċi u informazzjoni dwar l-esperjenza tad-diskriminazzjoni. Minbarra dan, l-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali (FRA) u l-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE) iwettqu studji speċifiċi u stħarriġiet apposta li jistgħu jkomplu jestendu d-disponibbiltà tal-istatistika dwar l-ugwaljanza fil-livell tal-UE. Il-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni futuri bejn l-Istati Membri, l-Eurostat u dawn l-aġenziji jenħtieġ li jissaħħu biex jissodisfaw id-domandi dejjem akbar tal-utenti għal data affidabbli u komprensiva dwar l-ugwaljanza u d-diversità fl-Unjoni ***sabiex jiġu żgurati d-drittijiet tal-individwi li jgħixu fl-UE u jiġu miġġielda l-inugwaljanzi u l-forom kollha ta' diskriminazzjoni.***

---

<sup>23</sup> ĠU C 202, 7.6.2016, p. 389.

---

<sup>23</sup> ĠU C 202, 7.6.2016, p. 389.

## Emenda 2

### Proposta għal regolament Premessa 20

*Test propost mill-Kummissjoni*

(20) L-Istati Membri u l-Kummissjoni (Eurostat) jenħtieġ li jkollhom aċċess sostenibbli għall-aktar firxa wiesgħa possibbli ta' sorsi tad-data biex jipproduċu statistika Ewropea dwar il-popolazzjoni u l-akkomodazzjoni ta' kwalità għolja u b'mod kosteffettiv. F'dan ir-rigward, hu kruċjali li l-awtoritajiet nazzjonali tal-istatistika jiksbu aċċess fil-ħin u jkunu jistgħu jużaw fil-pront id-data amministrattiva li tkun proprietà tal-amministrazzjonijiet pubbliċi fil-livell nazzjonali, regionali u lokali, f'konformità mal-Artikolu 17a tar-Regolament (KE) Nru 223/2009. Pereżempju, l-istatistika dwar l-effiċjenza enerġetika tal-bini tista' tissejjes fuq data amministrattiva relatata mal-ħruġ taċ-ċertifikati tal-enerġija tal-bini skont id-Direttiva 2010/31/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>31</sup>. L-istituti nazzjonali tal-istatistika jeħtieġ ikunu involuti wkoll fid-deċiżjonijiet dwar it-tfassil u l-iżvilupp mill-ġdid tas-sorsi tad-data amministrattiva rilevanti ħalli jkun żgurat li dawn ikunu jistgħu jerġgħu jintużaw għall-kompilazzjoni tal-istatistika uffiċjali.

*Emenda*

(20) L-Istati Membri u l-Kummissjoni (Eurostat) jenħtieġ li jkollhom aċċess sostenibbli għall-aktar firxa wiesgħa possibbli ta' sorsi tad-data biex jipproduċu statistika Ewropea dwar il-popolazzjoni u l-akkomodazzjoni ta' kwalità għolja u b'mod kosteffettiv. F'dan ir-rigward, hu kruċjali li l-awtoritajiet nazzjonali tal-istatistika jiksbu aċċess fil-ħin u jkunu jistgħu jużaw fil-pront id-data amministrattiva li tkun proprietà tal-amministrazzjonijiet pubbliċi fil-livell nazzjonali, regionali u lokali, f'konformità mal-Artikolu 17a tar-Regolament (KE) Nru 223/2009. Pereżempju, l-istatistika dwar l-effiċjenza enerġetika tal-bini tista' tissejjes fuq data amministrattiva relatata mal-ħruġ taċ-ċertifikati tal-enerġija tal-bini skont id-Direttiva 2010/31/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>31</sup>. ***Is-sorsi tad-data jenħtieġ li jkun fihom ukoll data relatata ma' gruppi tal-popolazzjoni li diffiċċli jintlaħqu, bħal persuni mingħajr dar u persuni li jgħixu f'ambjenti informali.*** L-istituti nazzjonali tal-istatistika jeħtieġ ikunu involuti wkoll fid-deċiżjonijiet dwar it-tfassil u l-iżvilupp mill-ġdid tas-sorsi tad-data amministrattiva rilevanti ħalli jkun żgurat li dawn ikunu jistgħu jerġgħu jintużaw għall-kompilazzjoni tal-istatistika uffiċjali.

---

<sup>31</sup> Id-Direttiva 2010/31/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Mejju 2010 dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija (ĠU L 153, 18.6.2010, p. 13).

---

<sup>31</sup> Id-Direttiva 2010/31/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Mejju 2010 dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija (ĠU L 153, 18.6.2010, p. 13).

## Emenda 3

## **Proposta għal regolament**

### **Premessa 23**

#### *Test proposit mill-Kummissjoni*

(23) Id-data miżmuma privatament tista' ttejjeb il-kopertura, it-tempestività u l-kapaċitajiet tar-rispons għall-kriżijiet tal-istatistika Ewropea dwar il-popolazzjoni u l-akkomodazzjoni, jew tippermetti l-innovazzjoni statistika. Din id-data għandha l-potenzjal li tikkumplimenta l-istatistika eżistenti dwar id-demografija u l-migrazzjoni, tikseb l-innovazzjoni statistika, u tgħin fil-produzzjoni ta' stimi bikrija. L-istituti nazzjonali tal-istatistika u awtoritajiet nazzjonali kompetenti oħra u l-Kummissjoni (Eurostat) jenħtieġ li jkollhom aċċess għal dik id-data u jużawha.

#### *Emenda*

(23) Id-data miżmuma privatament tista' ttejjeb il-kopertura, it-tempestività u l-kapaċitajiet tar-rispons għall-kriżijiet tal-istatistika Ewropea dwar il-popolazzjoni u l-akkomodazzjoni, jew tippermetti l-innovazzjoni statistika. Din id-data għandha l-potenzjal li tikkumplimenta l-istatistika eżistenti dwar id-demografija u l-migrazzjoni, tikseb l-innovazzjoni statistika, u tgħin fil-produzzjoni ta' stimi bikrija. L-istituti nazzjonali tal-istatistika u awtoritajiet nazzjonali kompetenti oħra u l-Kummissjoni (Eurostat) jenħtieġ li jkollhom aċċess għal dik id-data u jużawha. *Sabiex tiġi żgurata l-protezzjoni tad-drittijiet u l-libertajiet tad-detenturi tad-data, il-Kummissjoni jenħtieġ li tistabbilixxi lista tat-tipi ta' sorsi ta' data miżmuma privatament li jistgħu jintużaw għall-produzzjoni tal-istatistika, inkluż, fejn meħtieġ, kwalunkwe salvagwardja addizzjonal meħtiegħ biex tiġi żgurata l-proporzjonalità tal-użu tat-tip rilevanti ta' data.*

### **Emenda 4**

## **Proposta għal regolament**

### **Premessa 29**

#### *Test proposit mill-Kummissjoni*

(29) Is-sorsi tad-data disponibbli fil-livell nazzjonali mhux dejjem ikunu jistgħu jaqbdu eżattament il-fenomeni relatati mal-moviment liberu tal-persuni fl-Unjoni, l-aċċess tal-persuni għas-servizzi transfruntiera dwar avvenimenti vitali demografiċi u l-eżerċitar tad-drittijiet tal-persuni li jixtru u li jkunu sidien tal-akkomodazzjoni tagħhom stess użata bħala akkomodazzjoni primarja, villeġġatura u sekondarja fl-Unjoni. Hemm ukoll

#### *Emenda*

(29) Is-sorsi tad-data disponibbli fil-livell nazzjonali mhux dejjem ikunu jistgħu jaqbdu eżattament il-fenomeni relatati mal-moviment liberu tal-persuni fl-Unjoni, l-aċċess tal-persuni għas-servizzi transfruntiera dwar avvenimenti vitali demografiċi u l-eżerċitar tad-drittijiet tal-persuni li jixtru u li jkunu sidien tal-akkomodazzjoni tagħhom stess użata bħala akkomodazzjoni primarja, villeġġatura u sekondarja fl-Unjoni. Hemm ukoll

**asimetriji** fil-flussi migratorji bilaterali u diffikultajiet biex jitkejlu l-gruppi tal-popolazzjoni, pereżempju fost il-popolazzjoni migranti, mingħajr saqaf jew mingħajr Stat. Għalhekk jenħtieġ li tissaħħa il-kondiżjoni tad-data għall-finijiet tal-kompilazzjoni tal-istatistika dwar il-popolazzjoni u l-migrazzjoni, tkun żgurata l-kwalità tagħha, u titqies bħala sors ieħor tad-data. Din il-kondiżjoni msahħha tad-data tista' tkopri firxa wiesgħa tad-data rilevanti, minn data li b'mod ċar ma tippermettix l-identifikazzjoni tal-unitajiet statistiċi, direttament jew indirettament, għal data potenzjalment soġġetta għal rekwiżiti ta' kunkfidenzjalită statistika. L-Istati Membri, fl-interess tagħhom stess u fl-interess tal-Istati Membri l-oħra, jenħtieġ li jipparteċipaw fl-attivitajiet tal-kondiżjoni tad-data, inkluż fi proġetti pilota li jivvalutaw soluzzjonijiet siguri innovattivi. Il-Kummissjoni (Eurostat) jenħtieġ li tistabbilixxi wkoll infrastruttura sigura biex tiffaċilita din il-kondiżjoni tad-data u tiżgura s-salvagwardji meħtieġa kollha.

**diskrepanzi** fil-flussi migratorji bilaterali u diffikultajiet biex jitkejlu l-gruppi tal-popolazzjoni, pereżempju fost il-popolazzjoni migranti, mingħajr saqaf jew mingħajr Stat. Għalhekk jenħtieġ li tissaħħa il-kondiżjoni tad-data għall-finijiet tal-kompilazzjoni tal-istatistika dwar il-popolazzjoni u l-migrazzjoni, tkun żgurata l-kwalità tagħha, u titqies bħala sors ieħor tad-data. Din il-kondiżjoni msahħha tad-data tista' tkopri firxa wiesgħa tad-data rilevanti, minn data li b'mod ċar ma tippermettix l-identifikazzjoni tal-unitajiet statistiċi, direttament jew indirettament, għal data potenzjalment soġġetta għal rekwiżiti ta' kunkfidenzjalită statistika. L-Istati Membri, fl-interess tagħhom stess u fl-interess tal-Istati Membri l-oħra, jenħtieġ li jipparteċipaw fl-attivitajiet tal-kondiżjoni tad-data, inkluż fi proġetti pilota li jivvalutaw soluzzjonijiet siguri innovattivi. Il-Kummissjoni (Eurostat) jenħtieġ li tistabbilixxi wkoll infrastruttura sigura biex tiffaċilita din il-kondiżjoni tad-data u tiżgura s-salvagwardji meħtieġa kollha.

## Emenda 5

### Proposta għal regolament Premessa 30

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(30) Meta l-kondiżjoni tad-data tkun tinvolvi l-ipproċessar tad-data personali skont ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>37</sup> jew ir-Regolament (UE) 2018/1725, jenħtieġ li jiġu applikati għalkollox il-prinċipji tal-limitazzjoni tal-iskop, tal-minimizzazzjoni tad-data, tal-limitazzjoni tal-ħażin, u tal-integrità u l-kunkfidenzjalită. B'mod partikolari, **fuq it-trażmissjoni diretta tad-data jenħtieġ li tingħata preferenza lill-mekkaniżmi** tal-kondiżjoni tad-data bbażati fuq teknoloġiji li jsaħħu l-privatezza u li tfasslu speċifikament biex iħaddmu dawn il-prinċipji **biss jenħtieġ li jintużaw għat-trażmissjoni tad-data**

#### *Emenda*

(30) Meta l-kondiżjoni tad-data tkun tinvolvi l-ipproċessar tad-data personali skont ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>37</sup> jew ir-Regolament (UE) 2018/1725, jenħtieġ li jiġu applikati għalkollox il-prinċipji tal-limitazzjoni tal-iskop, tal-minimizzazzjoni tad-data, tal-limitazzjoni tal-ħażin, u tal-integrità u l-kunkfidenzjalită. B'mod partikolari, **il-mekkaniżmi** tal-kondiżjoni tad-data bbażati fuq teknoloġiji li jsaħħu l-privatezza u li tfasslu speċifikament biex iħaddmu dawn il-prinċipji **biss jenħtieġ li jintużaw għat-trażmissjoni tad-data**

iħaddmu dawn il-prinċipji.

---

<sup>37</sup> Ir-Regolament (EU) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

*personali.*

---

<sup>37</sup> Ir-Regolament (EU) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

## Emenda 6

### Proposta għal regolament Premessa 30a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(30a) Jenħtieġ li l-ipproċessar ta' kwalunkwe data skont dan ir-Regolament ikun f'konformità sħiħa mas-salvagwardji relatati mal-ipproċessar għal finijiet ta' statistika skont l-Artikolu 89 tar-Regolament (UE) 2016/679 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) u l-Artikolu 13 tal-EUDPR.*

## Emenda 7

### Proposta għal regolament Premessa 33

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(33) Dan ir-Regolament hu mingħajr preġudizzju għar-Regolamenti (UE) 2016/679 u (UE) 2018/1725 u d-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>38</sup>. Fil-kamp ta' applikazzjoni rispettiv tagħhom, dawn ir-Regolamenti tal-aħħar iridu japplikaw għall-ipproċessar

(33) Dan ir-Regolament hu mingħajr preġudizzju għar-Regolamenti (UE) 2016/679 u (UE) 2018/1725 u d-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>38</sup>. Fil-kamp ta' applikazzjoni rispettiv tagħhom, dawn ir-Regolamenti tal-aħħar iridu japplikaw għall-ipproċessar

tad-data personali skont dan ir-Regolament.

tad-data personali skont dan ir-Regolament. *B'mod partikolari, għandu jiġi ppreferut l-użu ta' data anonimizzata għall-produzzjoni tal-istatistika. Huwa biss meta l-istatistika ma tkunx tista' tīgħi prodotta bl-ipproċessar ta' data anonimizzata li jenħtieġ li tīgħi pproċessata data psewdonimizzata.*

---

<sup>38</sup> Id-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2002 dwar l-ipproċessar tad-data personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika (Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika) (ĠU L 201, 31.7.2002, p. 37).

---

<sup>38</sup> Id-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2002 dwar l-ipproċessar tad-data personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika (Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika) (ĠU L 201, 31.7.2002, p. 37).

## Emenda 8

### Proposta għal regolament Premessa 35

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(35) Biex jitqiesu x-xejriet demografiċi, ekonomiċi u soċjali kif ukoll l-iżviluppi teknoloġiċi, is-setgħa li jiġu adottati atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-TFUE jenħtieġ li tīgħi delegata lill-Kummissjoni biex temenda l-lista, id-deskrizzjoni, il-perjodiċitajiet u ż-żminijiet ta' referenza tas-suġġetti dettaljati koperti mill-istatistika Ewropea dwar il-popolazzjoni u l-akkomodazzjoni; biex taġġorna l-perjodiċitajiet u ż-żminijiet ta' referenza fl-Anness ta' dan ir-Regolament u biex tispeċifika l-informazzjoni li jridu jagħtu l-Istati Membri fuq bażi ad hoc. Hu importanti b'mod partikolari li l-Kummissjoni twettaq il-konsultazzjonijiet xierqa waqt il-ħidma preparatorja tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet isiru skont il-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liggijet<sup>39</sup>. B'mod partikolari, biex tkun żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija

#### *Emenda*

(35) Biex jitqiesu x-xejriet demografiċi, ekonomiċi u soċjali kif ukoll l-iżviluppi teknoloġiċi, is-setgħa li jiġu adottati atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-TFUE jenħtieġ li tīgħi delegata lill-Kummissjoni biex temenda l-lista, id-deskrizzjoni, il-perjodiċitajiet u ż-żminijiet ta' referenza tas-suġġetti dettaljati koperti mill-istatistika Ewropea dwar il-popolazzjoni u l-akkomodazzjoni; biex taġġorna l-perjodiċitajiet u ż-żminijiet ta' referenza fl-Anness ta' dan ir-Regolament; **biex tistabbilixxi lista ta' tipi ta' sorsi oħra tad-data li jistgħu jintużaw għall-produzzjoni tal-istatistika** u biex tispeċifika l-informazzjoni li jridu jagħtu l-Istati Membri fuq bażi ad hoc. Hu importanti b'mod partikolari li l-Kummissjoni twettaq il-konsultazzjonijiet xierqa waqt il-ħidma preparatorja tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet isiru skont il-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016

tal-atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirčieu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-experti tal-Istati Membri, u l-experti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-experti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija tal-atti delegati.

dwar it-Tfassil Aħjar tal-Ligħiġiet<sup>39</sup>. B'mod partikolari, biex tkun żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija tal-atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirčieu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-experti tal-Istati Membri, u l-experti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-experti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija tal-atti delegati.

---

<sup>39</sup> ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

<sup>39</sup> ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

## Emenda 9

### Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 8a (ġidid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(8a) “gruppi tal-popolazzjoni li huma diffiċli biex jintlaħqu” tfisser gruppi ta’ individwi li għalihom jeżisti ostaklu reali jew perċepit għall-inklużjoni sħiħa u rappreżentattiva fil-ġbir ta’ data statistika;

## Emenda 10

### Proposta għal regolament Artikolu 9 – paragrafu 5a (ġidid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

5 a. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati sabiex tissupplimenta dan ir-Regolament f'konformità mal-Artikolu 17 billi tistabbilixxi lista tat-tipi ta’ sorsi tad-data għall-fini tal-paragrafu 1, punt (c) ta’ dan l-Artikolu. L-atti delegati għandhom jiġu adottati mill-inqas 12-il xahar qabel il-bidu taż-żmien ta’ użu tas-sorsi tad-data rilevanti. Tali atti delegati ma għandhomx ipoġġu fuq l-Istati Membri rekwiżiti aċċessibbli biss permezz ta’ ġbir dirett tad-

*data minn individwi, jew kompiti li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament 2019/1700. Barra minn hekk, l-ebda att delegat ma għandu jitlob lill-Istati Membri jiġbru jew jistħarrġu kategoriji ta' data personali kif definita fl-Artikolu 9 tar-Regolament 2016/679.*

## Emenda 11

### Proposta għal regolament Artikolu 12 – paragrafu 2 – punt f

*Test propost mill-Kummissjoni*

(f) *inaqqsu l-asimetriji* tal-flussi migratorji;

*Emenda*

(f) *jevitaw riskji possibbli ta' għadd doppju u jiżguraw komparabbiltà aħjar tal-flussi migratorji;*

## Emenda 12

### Proposta għal regolament Artikolu 13 – paragrafu 3 – punt b

*Test propost mill-Kummissjoni*

(b) ibbażata ***preferibilment*** fuq teknoloġiji li jsaħħu l-privatezza u mfassla spċifikament biex jimplimentaw il-prinċipji tar-Regolamenti (UE) 2016/679 u (UE) 2018/1725, b'attenzjoni partikolari għal-limitazzjoni tal-iskop, il-minimizzazzjoni tad-data, il-limitazzjoni tal-ħżein, l-integrità u l-kunfidenzjalitā;

*Emenda*

(b) ibbażata fuq teknoloġiji li jsaħħu l-privatezza u mfassla spċifikament biex jimplimentaw il-prinċipji tar-Regolamenti (UE) 2016/679 u (UE) 2018/1725, b'attenzjoni partikolari għal-limitazzjoni tal-iskop, il-minimizzazzjoni tad-data, il-limitazzjoni tal-ħżein, l-integrità u l-kunfidenzjalitā;

## Emenda 13

### Proposta għal regolament Artikolu 14 – paragrafu 1 – punt d

*Test propost mill-Kummissjoni*

(d) *tnejja tnaqqas l-asimetriji* tal-flussi migratorji;

*Emenda*

(d) *tevita riskji possibbli ta' għadd doppju u tiżgura komparabbiltà aħjar tal-flussi migratorji;*

## Emenda 14

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 20 – paragrafu 1 – punt 3a (ġdid)

Regolament (KE) Nru 862/2007

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt d

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(3 a) Fl-Artikolu 2(1), il-punt (d) huwa sostitwit b'dan li ġej: “ċittadinanza” tfisser ċittadinanza kif definita fl-Artikolu 2(1) tar-Regolament (UE) Nru XXXX/2023 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.<sup>+</sup>*

---

*<sup>+</sup> ĠU: Jekk jogħġgbok fit-test dahħħal in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument PE-CONS (2023/0008(COD)) u dahħħal in-numru, id-data, it-titolu u referenza tal-ĠU ta' dak ir-Regolament fin-nota f'qiegħ il-paġna.”*

## PROĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

<b>Titolu</b>	L-istatistika dwar il-popolazzjoni u l-akkomodazzjoni, emenda tar-Regolament (KE) Nru 862/2007 u tħassir tar-Regolamenti (KE) Nru 763/2008 u (UE) Nru 1260/2013
<b>Referenzi</b>	COM(2023)0031 – C9-0010/2023 – 2023/0008(COD)
<b>Kumitat responsabbi</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	EMPL 26.1.2023
<b>Opinjoni(jiet) mogħtija minn</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	LIBE 26.1.2023
<b>Kumitati assoċjati - data tat-tħabbir fis-seduta plenarja</b>	20.4.2023
<b>Rapporteur għal opinjoni</b> Data tal-ħatra	Yana Toom 13.4.2023
<b>Data tal-adozzjoni</b>	18.7.2023
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+ : 41 - : 3 0 : 5
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Magdalena Adamowicz, Abir Al-Sahlani, Konstantinos Arvanitis, Malik Azmani, Katarina Barley, Pietro Bartolo, Theresa Bielowski, Vladimír Bilčík, Vasile Blaga, Karolin Braunsberger-Reinhold, Saskia Bricmont, Patricia Chagnon, Clare Daly, Lena Dupont, Nicolaus Fest, Maria Grapini, Sylvie Guillaume, Evin Incir, Sophia in 't Veld, Patryk Jaki, Assita Kanko, Fabienne Keller, Moritz Körner, Alice Kuhnke, Juan Fernando López Aguilar, Lukas Mandl, Erik Marquardt, Nadine Morano, Emil Radev, Paulo Rangel, Isabel Santos, Birgit Sippel, Tineke Strik, Ramona Strugariu, Annalisa Tardino, Yana Toom, Elena Yoncheva, Javier Zarzalejos
<b>Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Damian Boeselager, Matjaž Nemec, Jan-Christoph Oetjen, Kostas Papadakis, Cristian Terheş, Miguel Urbán Crespo
<b>Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Andrus Ansip, Robert Biedroń, Eric Minardi, Jan Olbrycht, Christian Sagartz

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET  
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

<b>41</b>	<b>+</b>
PPE	Magdalena Adamowicz, Vladimír Bilčík, Vasile Blaga, Karolin Braunsberger-Reinhold, Lena Düpont, Lukas Mandl, Nadine Morano, Jan Olbrycht, Emil Radev, Paulo Rangel, Christian Sagartz, Javier Zarzalejos
Renew	Abir Al-Sahlani, Andrus Ansip, Malik Azmani, Sophia in 't Veld, Fabienne Keller, Moritz Körner, Jan-Christoph Oetjen, Ramona Strugariu, Yana Toom
S&D	Katarina Barley, Pietro Bartolo, Robert Biedroń, Theresa Bielowski, Maria Grapini, Sylvie Guillaume, Evin Incir, Juan Fernando López Aguilar, Matjaž Nemeč, Isabel Santos, Birgit Sippel, Elena Yoncheva
The Left	Konstantinos Arvanitis, Clare Daly, Miguel Urbán Crespo
Verts/ALE	Damian Boeselager, Saskia Bricmont, Alice Kuhnke, Erik Marquardt, Tineke Strik

<b>3</b>	<b>-</b>
ID	Patricia Chagnon, Nicolaus Fest, Eric Minardi

<b>5</b>	<b>0</b>
ECR	Patryk Jaki, Assita Kanko, Cristian Terheş
ID	Annalisa Tardino
NI	Kostas Papadakis

Tifsira tas-simboli użati:

- + : favur
- : kontra
- 0 : astensjoni